**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 03/2017**

| | |
|---|---|
| **Data:** | 9 ta' Marzu 2017 |
| **Ħin:** | 6:45pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

ŻEJTUN
Citta` Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

---

**Preżenti**
Joe Attard - Sindku
Maria Dolores Abela - Viċi-Sindku
Joan Agius - Kunsilliera (mis-7.05pm)
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephania Fenech - Kunsilliera
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**Skużati**
Claude Camilleri - Kunsillier
Amanda Abela - Kunsilliera
Joe Hales - Kunsillier
Laura Caruana - L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

---

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| **3.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **3.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **3.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u korrispondenza;** |
| **3.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;** |
| **3.5** | **Ġieh iż-Żejtun** |
| **3.6** | **Offerti** |
| **3.7** | **Kawża Kunsill Lokali Żejtun vs Dipartiment tax-Xogħolijiet** |
| **3.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| **3.9** | **Mozzjoni mill-Kunsillier Joe Hales – Permessi tal-festa u affarijiet oħra; u** |
| **3.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**03. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Abela ma setgħetx tattendi għal laqgħa minħabba appuntament mediku (imejl annessa) | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. 1. 2 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Camilleri ma setax jattendi għal laqgħa minħabba raġunijiet familjari (imejl annessa) | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. 1. 3 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Hales ma setax jattendi għal laqgħa minħabba li kien indispost (imejl annessa) | Segretarju Eżekuttiv |

**03. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2. 1 | | Proponent:<br>Sekondant: | Il-Minuti 01/17 u 02/17 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet | |
| | 02.03.04 | Sindku | Irid jiżdied ukoll li l-Kunsill qabel li min ħa Ġieh ir-Repubblika, ikun jikkwalifika wkoll għal Ġieh iż-Żejtun. | |
| | 02.05.01 | Viċi-Sindku | Jiżdiedu dawn il-kelmiet - u l-anzjani ser ikollom l-esperjenza ta' eżerċizzi fiżiċi. | |

**03. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 2 | 2 | 01.02.09 | Fenech: Kontenituri għal skart elettroniku | Fenech staqsiet dwar jekk wasalx dan il-kontenitur. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan għadu ma wasalx u ser ikun qed jerġa jibagħat *reminder* fuqha. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03 | 2 | 3 | 01.02.14 | Fenech: *Wi-fi* | Fenech qalet li l-*Wi-fi* tal-Pjazza Girgor Bonici issa jidher li qed jaħdem tajjeb. Żiedet li rridu nitkellmu mal-MCA dwar dak ta' Ġnien San Girgor biex naraw x'inhi l-problema. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03 | 2 | 4 | 01.02.16 | Fenech: Xogħol volontarju ma' *Richmond Foundation* | Fenech qalet li huma jixtieqų li jiġi mnaddaf u ssir *area* għalihom. | Hales |
| 03 | 2 | 5 | 01.09.01 | Fenech: Live in f'Villa Psaigon | Fenech qalet li l-*Live in* sar u kien suċċess | Fenech |
| 03 | 2 | 6 | 02.05.01 | Viċi-Sindku: Attivita` għal anzjani | Il-Viċi-Sindku qalet li din l-attivita` saret u saru eżerċizzi fiżiċi għal anzjani u ddediċdew li jibqgħu isiru regolari. Hemm il-ħsieb li għal anniversarju tad-Djar tal-Anzjani terġa ssir. | Viċi-Sindku |
| 03 | 2 | 7 | 01.09.17 | Viċi-Sindku: *Litter bins* | Il-Viċi-Sindku staqsiet x'sar fuq il-litter bins.tal-pjazza Is-Sindku qal li min ser jieħu l-kuntratt irid inaddaf dawn l-istess *bins* Iridu niċċekjaw ukoll li din imniżżla fil-kuntratt. | Hales |
| 03 | 2 | 8 | 01.02.18 | Chircop: Bolol u *postcards* | Chircop informa l-Kunsill li l-prezz tal-bolol hu ta' €0.90 kull bolla u €0.50 kull *postcard*. Chircop żied jgħid li kien hemm rispons tajjeb ħafna għar-rivista. | Chircop |
| 03 | 2 | 9 | 01.09.02 | Chircop: *Hike* | Chircop informa l-Kunsill li l-*Hike* ġie pospost għat-18 ta' Marzu minħabba l-maltemp. | Chircop |
| 03 | 2 | 10 | 01.09.03 | Chircop: Laqmijiet | Chircop informa l-Kunsill li sar stħarriġ u nġabru ħafna laqmijiet. Dan sar bis-saħħa ta' Joslyn Saliba flimkien mal-familja ta' Ġorġ Vella. | Chircop |
| 03 | 2 | 11 | 01.09.05 | Chircop: *Bring-In-Sites* | Chircop staqsa x'ġara mid-*domes* nieqsa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn għadhom ma waslux. Is-Sindku żied li kellhom jitwaħħlu l-kameras iżda dawn għadhom ma waslux. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li tkellimna magħhom il-ġimgħa l-oħra. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03 | 2 | 12 | 01.02.26 | Caruana: *Reserved Parking* | Caruana reġa staqsa dwar ir-*reserved parking* ta' fejn l-għassa u li din għandha tiġi riveduta. Is-Sindku qal li għandna nitkellmu mal-KNDP u din issir *timed* u tintuża mir-residenti matul il-lejl. | Hales |
| 03 | 2 | 13 | 01.02.21 | Caruana: *Roadmarkings* | Caruana qal li għandha issir *site inspection* biex jiġu ċċekjati s-sinjali. Is-Sindku qal li dawn isiru fuq il-pariri tal-Koperttiva Sinjali u Tabelli u aħna għandna noqogħdu fuq dawn l-istess pariri. Caruana staqsa dwar parkeġġgħal muturi fi Triq il-Kastellan u parkeġġ maġenb iż-*zebra crossing* fi Triq l-Arċipriet Degabriele. Doris kompliet li din iż-*zebra crossing* tinsab perikoluża peress li qedha kważi ġo kantuniera. | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 2 | 14 | | Chircop: Parkeġġ fi Triq Ġużeppina Curmi | Chircop staqsa dwar dan il-parkeġġ. | Hales |
| 03 | 2 | 15 | 02.03.05 | Agius: Għaqal id-Dar | Agius informat lil Kunsill li kellha laqgħa ma' Fr Vince dwar kif ser isir il-programm. Ir-Reġistrazzjoni ser issir mill-uffiċini tal-Kunsill Lokali u dan huwa mingħajr ħlas. | Agius |

**03. 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML 03/17. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 3 | 1 | 02 | Nadia Taljana - MJCL | Chircop informa lill-Kunsill li ser issir preżentazzjoni fejn ser jitħabbru sitt proġetti ta' restawr li ser jagħmel il-Gvern, inkluż in-niċċa li tinsab fi Triq Marsaxlokk. | Chircop |
| 03 | 3 | 2 | 04 | Josef Gatt -DLG | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li għandna l-obbligi li jkollna *first aid box*, sinjali f'każ ta' evakwazzjoni u taħriġ fuq l-ewwel għajnuna u *fire fighting*. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03 | 3 | 3 | 16 | Charles Galea- Mafkar Dun Salv | Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir pero għandu jkun *basso reliev* u mhux xi irħama. | |
| 03 | 3 | 4 | 18 | Ħsarat: Triq Ħal Tarxien | il-Kunsill qabel li għandu jitħallas l-ammont ta' ħsara li ġarbet il-vettura. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03 | 3 | 5 | 13 | Joseph Baldacchino | Il-Kunsill qabel li għandha issir *sleeping police* peress li hemm raġuni minħabba l-periklu għat tfal. | Sindku |

**03. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

**03. 5. Ġieh iż-Żejtun**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 5 | 1 | | Chircop | Chircop informa l-Kunsill li ser ikun hemm mistiedna speċjali Janice Mangion Qal ukoll li kien hemm 48 sottomissjoni għal Konkors Letterarju. Ħadu sehem is-surmast u t-tfal tal-iskola u dawn ser jiġu ppublikati fi ktejjeb. Qal ukoll li ser ikun hemm 4 premijiet. | |
| 03 | 5 | 2 | | Chircop | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-enveloppi li rċieva għan-nominazzjonijiet ta' Ġieh iż-Żejtun. | |
| 03 | 5 | 3 | | Sindku | Is-Sindku fetaħ in-nominazzjonijiet. B'kollox kien hemm erba (4): Trevor Zahra (2) Joseph Ferrigi u Dun Remig Saliba. | |
| 03 | 5 | 4 | | Sindku | Is-Sindku qara l-profili tat-tlett nominati. | |
| 03 | 5 | 5 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Agius | Il-Kunsillier Chircop ivvota favur in-nomina ta' Trevor Zahra sekondata minn Agius. | |
| 03 | 5 | 6 | | Proponent: Fenech<br>Sekondant: Caruana | Il-Kunsilliera Fenech ivotat favur in-nomina ta' Jesmond Ferrigi ssekondata minn Caruana | |
| 03 | 5 | 7 | | | Dun Remig Saliba ma ġiex kunsidrat peress li ma jikkwalifikax skont ir-regoli. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 03 5 8 | | | | Wara li l-Viċi-Sindku vvutat favur in-nomina ta' Trevor Zahra, dan ġie magħżul sabiex jingħata Ġieh iż-Żejtun. | |
| 03 5 9 | | | Sindku | Is-Sindku qal li lil Jesmond Ferrigi u Dun Remig Saliba, għandhom jingħataw rikonoxximent għal ħidmithom. | |
| 03 5 10 | | | Chircop | Chircop qal ukoll li għandu jingħata rikonoxximent lix-*Shake Dancers* peress li rebħu l-karnival ta' Malta. | |
| 03 5 11 | | | Sindku | Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li jinbidel it-trofew. Dan ser jieħu ħsiebu l-Kunsillier Chircop sabiex jinbidel. | Chircop |

**03. 6. Offerti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03 6 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta dawk li tefaw it-*tenders*. L-*adjudication board* għandu jiltaqa sabiex jintagħżlu l-kuntratturi. | Segretarju Eżekuttiv |

**03. 7. Kawża Kunsill Lokali vs Dipartiment tax-Xogħolijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| **03. 7. 1** | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif minn eżercizzju li sar waqt il-proċess tal-awditjar irriżulta li l-interessi ma wafqux mad-data li nqatgħet il-kawza iżda għadhom telgħin b'medja ta' Ewro 7,000 fis-sena. Spjega wkoll li bid-deċizjoni li kien ħa l-Kunsill li jħallas lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura Ewro 8000 fis-sena, jekk kemm il-darba l-interessi jiefqu b'mod immedjat din is-somma ddum 22 sena sabiex titħallas. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex jirrevedi dan it-terminu. | Segretarju Eżekuttiv |

**03. 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03 8 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/17 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill b'dawn il-korrezzjonijiet.** | Segretarju Eżekuttiv |
| 03 8 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 03/17 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju Eżekuttiv |
| 03 8 3 | | *Petty Cash* - Jannar 2017 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Jannar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €89.39 | Segretarju Eżekuttiv |

**01. 9. Mozzjoni mill-Kunsillier Joe Hales – Permessi tal-festa u affarijiet oħra; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01 9 1 | | Sindku: Kunsill Malti g]al Arti u Kultura | Is-Sindku informa lil Kunsill li [iet approvata mill-Kunsill Malti g]al Arti u Kultura sabiex issir defile folkloristiku f'San Girgor. Il-Kunsill ser ikun qed jgħin billi jipprovdi il-kostumi u affarijiet oħra. | Agius |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 9 | 2 | Fenech: Triq Sant'Anglu | Fenech staqsiet dwar Triq Sant'Anġlu rigward traffiku. Is-Sindku qal li għandha titwessa s-service raod biex ikun hemm aċċess aħjar. | |
| 01 | 9 | 3 | Chircop: Qsari fit-toroq | Chircop qal li residenta staqsiet jekk hux permess li jinħarġu qsari. Is-Sindku qal li dawn huma llegali u għandhom jitneħħew. | |
| 01 | 9 | 4 | Chircop: Sinjali tat-traffiku | Chircop staqsa dwar parkeġġ fi Triq Xejba u li dan qed jagħlaq l-aċċess. | Hales |
| 01 | 9 | 5 | Agius: Zumba | Agius informat lil Kunsill li ser issir attivita' ta' Zumba l-Ħadd għal ALS Malta. Id-data ser tiġi konfermata iktar tard. | Agius |
| 01 | 9 | 6 | Agius: Attivititajiet għal żmien l-Għid | Agius informat il-Kunsill li ser jerġgħu isiru l-attivitajiet tat-tfal fejn jitqassmu l-figolli u ssir quddiesa. | Agius |
| 01 | 9 | 7 | Agius: Ħarġa għat tfal | Agius informat il-Kunsill li fil-vakanzi tal-Għid ser issir attivita' għat tfal fejn ser iżuru il-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija fil-Mosta. | Agius |
| 01 | 9 | 8 | Viċi-Sindku: Ġnien Luqa Briffa | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar Ġnien Luqa Briffa għax qed ikun magħluq. Is-Sindku qal li dan għandu jkun miżjud fuq il-kuntrattil-ġdid. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 9 | 9 | Viċi-Sindku: Għotja ta' ktieb | Il-Viċi-Sindku qalet li ġejna mogħtija ktieb mill-Kunsilliera Remelsa Grech mill-Kunsill tal-Gudja biex jiżdied fil-librerija tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 9 | 10 | Viċi-Sindku: Attivita' għal Anzjani | Il-Viċi-Sindku informat lill-Kunsill li ser issir attivita' fil-21 ta' Marzu għal anniversarju tad-dar tal-Anzjani. | Viċi-Sindku |
| 01 | 9 | 11 | Viċi-Sindku: Parkeġġ tal-Qasam tad-Djar tal-Gvern | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-parkeġġi tal-Estates u jekk dawn għandomx ikunu riservati għar residenti. Is-Segreatrju Eżekuttiv qal li kien hemm notifika li dawn mhumiex għar residenti biss. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 9 | 12 | Viċi-Sindku: Tqassim ta' figolli | Il-Viċi-Sindku qalet li ser isir is-solitu tqassim tal-figolli lill-persuni b'diżabilita' | Viċi-Sindku |
| 01 | 9 | 13 | Fenech: Ħitan | Fenech qalet li hemm il-ħitan ta' quddiem il-bieb tal-*kindergarten* li fihom ħafna graffiti u għandhom bżonn jinżebgħu | Sindku |
| 01 | 9 | 14 | Agius: *First Aid Courses* | Agius informat il-Kunsill li ser isir *First Aid course* ma' Dar Paolo Freire | Agius |
| **01.** | **10.** | | **Tmiem tal-Laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-09:00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 5 ta' April 2017 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA

Joe Attard
Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv